MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 63/2022 LM

**Christopher Reene**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-Aġenzija appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, hawnhekk 'l-Aġenzija appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-13 ta' Mejju, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord irrevoka d-deċiżjoni tal-Aġenzija intimata, u b'hekk laqa' l-appell tar-rikorrenti **Christopher Reene**.

**Fatti**

2. Ir-rikorrent huwa ċittadin Brittaniku. Il-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija (minn issa 'l quddiem 'il-Ftehim dwar il-Ħruġ') li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar, 2020, stabbilixxa perijodu ta' transizzjoni sal-31 ta' Diċembru, 2020 sabiex ċittadini Brittaniċi japplikaw sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-Ftehim dwar il-Ħruġ. Dan il-Ftehim dwar il-Ħruġ traspost fil-liġi Maltija permezz tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.25, kien jirregola li persuni ta' nazzjonalità Brittanika setgħu japplikaw għal permess ta' residenza, li biex jingħata kellhom jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-artikolu 10(1)(b) u l-artikolu 15(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, liema artikoli għandhom jinqraw flimkien mal-artikolu 16(3) tad-Direttiva 2004/38/KE traspost bil-Liġi Sussidjarja 460.17, u għalhekk dawn ma baqgħux intitolati għal tali residenza awtomatikament. L-artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ stabbilixxa li t-terminu impost sabiex wieħed japplika għal permess ta' residenza huwa ta' mhux inqas minn sitt xhur mill-perijodu transitorju, jiġifieri sat-30 ta' Ġunju, 2021, u f'każ li l-applikant jonqos milli josserva dan it-terminu, l-Aġenzija intimata tkun tista' tevalwa ċ-ċirkostanzi li wasslu għad-dewmien u r-raġunijiet għaliex l-applikant ikun naqas milli jippreżenta applikazzjoni sat-terminu mogħti. L-appellat kellu ċertifikat ta' reġistrazzjoni taħt id-Direttiva 2004/38/KE, li iżda ma baqax validu wara t-tmiem tal-perijodu ta' transizzjoni, stante li dan naqas milli japplika għal *status* ta' benefiċjarju taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Jirriżulta li fis-17 ta' Lulju, 2021, ir-rikorrent ikkomunika mal-Aġenzija intimata sabiex jinfurmaha li kien inqabad fir-Renju Unit minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19, u infurmaha li jixtieq

jipproċedi biex japplika għal permess ta' residenza. Uffiċjal mill-Aġenzija intimata informa lir-rikorrent li huwa seta' jissottometti applikazzjoni. Fl-14 t'Awwissu, 2021, ir-rikorrent staqsa lill-Aġenzija intimata jekk setax jissottometti applikazzjoni tardiva taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ, għaliex huwa kellu raġuni valida għalfejn naqas li japplika qabel. Uffiċjal tal-Aġenzija intimata, informa lir-rikorent li huwa seta' jagħti l-evidenza kollha sabiex l-applikazzjoni setgħet tiġi kkonsidrata tardivament. Fil-15 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrent ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu ma ġietx aċċettata għaliex mid-dokumenti ppreżentati minnu ma rriżultax li huwa kien jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-liġi ta' residenza f'Malta għall-perijodu stabbilit qabel it-tmiem tal-perijodu transitorju. Fis-16 ta' Novembru, 2021, ir-rikorrent bagħat *email* lill-Aġenzija intimata sabiex jinfurmaha li kien fi ħsiebu jappella minn din id-deċiżjoni.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent, permezz tal-appell tiegħu lill-Bord, spjega li huwa kien ilu residenti f'Malta mis-sena 2011, u huwa kien ġedded l-ID card tiegħu fis-sena 2019. Qal li l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata abbażi tal-fatt li huwa kien assenti minn Malta għal perijodu li jeċċedi s-sitt xhur stipulati fil-liġi Ewropea. Qal li huwa ħalla Malta f'Jannar tal-2020 għaliex kellu ommu marida, u kellha bżonn intervent kirurġiku ftit qabel faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. Qal li dak iż-żmien huwa kellu jqatta' żmien ma' ommu minħabba l-istat ta' saħħitha, kif ukoll kien impossibbli għalih li jivvjaġġa bir-restrizzjonijiet li ġew introdotti minħabba l-pandemija. Qal li xi żmien wara ommu kellha bżonn intervent ieħor, filwaqt li huwa beda jsofri minn problemi ta' saħħa mentali. Ir-rikorrent qal li

huwa kien imxekkel milli jivvjaġġa mhux biss bir-restrizzjonijiet li ġew introdotti minħabba l-pandemija, iżda wkoll minħabba fl-istat ta' saħħtu. Qal li huwa ġie Malta ftit wara li ħa l-vaċċin kontra l-COVID-19, fl-10 ta' Lulju 2020, u din kienet l-ewwel darba li huwa tħalla jidħol Malta, u li kieku pprova jivvjaġġa imqar ġurnata qabel, ma kienx jitħalla jagħmel dan. Qal li huwa għandu impjieg *full-time* ġewwa Malta, irċieva r-*rebates* tat-taxxa u l-*vouchers* maħruġa mill-Gvern Malti.

4. L-Aġenzija intimata wieġbet li l-Ftehim dwar il-Ħruġ daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2021, u skont l-Artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ċittadini Brittaniċi setgħu japplikaw għal *status* ta' residenza ġdid, li kien ifisser għalhekk li dan l-i*status* ma kienx jitgawda awtomatikament miċ-ċittadini Brittaniċi jew mill-membri tal-familja tagħhom. L-Aġenzija intimata spjegat li biex persuna setgħet tikkwalifika għal dan l-i*status* f'Malta, hija kellha tkun tgħix fi Stat Membru qabel it-tmiem tal-perijodu ta' transizzjoni, u kellha tkompli tgħix fl-Istat Membru. Spjegat li għalhekk l-Istati Membri ma setgħux jirregolarizzaw l-i*status* ta' persuni li ma kinux jgħixu fit-territorju tal-Istat Membru b'konformità mal-liġi Ewropea taħt dan il-Ftehim. Qalet ukoll li l-kontinwità tal-perijodu ta' residenza ma kellux ikun affettwat minn assenzi temporanji li ma jeċċedux total ta' sitt xhur f'sena, jew minn assenzi ta' durata itwal f'każ li l-persuna jkollha tagħmel servizz militari, jew f'każ ta' assenza ta' massimu ta' tnax-il xahar konsekuttiv minħabba tqala jew twelid ta' tarbija, jew f'każ ta' mard serju, studju jew taħriġ vokazzjonali, jew minħabba xogħol fi Stat Membru jew pajjiż terz ieħor. L-Aġenzija intimata spjegat li għalhekk f'każ li ċittadin Brittaniku jkun jissodisfa dawn ir-rekwiżiti, li jkun għex f'Malta tul il-perijodu ta' transizzjoni u kompla

jgħix Malta wara, dan kellu jingħata permess ta’ residenza. Qalet ukoll li skont l-artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, it-tmiem tal-perijodu li fih kellhom jiġu sottomessi dawn l-applikazzjonijiet kellu jkun mhux inqas minn sitt xhur mit-tmiem tal-perijodu transitorju. Spjegat li għalhekk, biex persuna tingħata permess ta’ residenza, din kellha tissottometti l-applikazzjoni tagħha qabel it-30 ta’ Ġunju, 2021, sakemm din kienet tirrisjedi f’Malta matul il-perijodu ta’ transizzjoni. Spjegat ukoll li l-istess artikolu 18 jistabbilixxi li fejn persuna tonqos milli tissottometti l-applikazzjoni tagħha sad-data stipulata, l-awtoritajiet kompetenti kellhom jevalwaw iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u r-raġunijiet għal dan in-nuqqas, u kellhom iħallu persuna tissottometti l-applikazzjoni tagħha fi żmien raġonevoli f’każ li jiġi stabbilit li kien hemm ċirkostanzi meqjusa validi għal dan in-nuqqas. Qalet ukoll li bħala Aġenzija, hija ħadet ħsieb tistabbilixxi kuntatt mal-benefiċjarji potenzjali kollha li kellhom dokument ta’ residenza validu, kif ukoll għamlet l-informazzjoni kollha marbuta ma’ dan il-proċess disponibbli fuq il-*website* tagħha, u waqqfet indirizz tal-posta elettronika sabiex tkun tista’ tassisti persuni li jkollhom xi diffikultà. L-Aġenzija intimata spjegat li r-rikorrent kellu ċertifikat ta’ reġistrazzjoni maħruġ fis-16 t’Awwissu, 2017 għal perijodu ta’ ħames snin, liema ċertifikat kien inħareġ abbażi tal-impjieg li r-rikorrent kellu f’Malta.

5. L-Aġenzija intimata spjegat li filwaqt li dan iċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni oriġinarjament kien validu sal-15 t’Awwissu, 2022, il-liġi Ewropea dwar il-moviment ħieles tal-persuni ma baqgħetx tapplika għal ċittadini Brittaniċi fi tmiem il-perijodu ta’ transizzjoni, irrispettivament minn jekk dawn kellhomx ċertifikat ta’ reġistrazzjoni validu jew le. Qalet li wara li ġie fi tmiemu l-perijodu

ta’ transizzjoni, iċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni ma baqax meqjus validu sakemm ma ġietx sottomessa applikazzjoni mill-individwu sabiex jingħata *status* ta’ benefiċjarju taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Qalet li r-rikorrent naqas milli jissottometti applikazzjoni taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ, u għalhekk iċ-ċertifikat ta’ reġistrazzjoni tiegħu li oriġinarjament kien validu sa Awwissu 2022, ma baqax validu wara l-1 t’Awwissu, 2021. L-Aġenzija appellanta spjegat li r-rikorrent kien ikkomunika magħha fis-17 ta’ Lulju, 2021, fejn kien infurmaha li kien inqabad fir-Renju Unit waqt il-perijodu tal-pandemija, u huwa xtaq jipproċedi b’applikazzjoni għal dokument ta’ residenza. Qalet li rappreżentanta tal-Aġenzija intimata kienet infurmat lir-rikorrent li huwa seta’ jissottometti applikazzjoni għal residenza mas-sezzjoni non-UE. Qalet ukoll li fl-14 t’Awwissu, 2021, ir-rikorrent staqsa dwar il-possibilità li jitħalla jissottometti applikazzjoni tardiva taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ, għaliex kellu raġunijiet li jiġġustifikaw it-tardività tiegħu. L-Aġenzija intimata spjegat li fil-fatt ir-rikorrent intalab jissottometti d-dokumentazzjoni kollha li kellu sabiex din tiġi evalwata internament. Qalet li fil-15 ta’ Novembru, 2021 ir-rikorrent ġie infurmat li t-talba tiegħu sabiex idaħħal applikazzjoni tardiva taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma kinitx sejra tintlaqa’ għaliex huwa kien assenti minn Malta għal perijodu itwal mis-sitt xhur stipulati bil-liġi Ewropea. Qalet li ladarba r-rikorent kellu permess ta’ residenza mhux permanenti, huwa ma setax iqatta’ perijodu ta’ aktar minn sitt xhur barra minn Malta, li f’każijiet eċċezzjonali jistgħu jkunu perijodu ta’ tnax-il xahar, bħal fil-każ ta’ mard serju, twelid ta’ tarbija, taħriġ vokazzjonali jew studju, jew stazzjonament fi Stat Membru ieħor jew pajjiż terz għal skopijiet ta’ xogħol. Qalet li r-rikorrent ħalla Malta f’Jannar tal-2020, u għalhekk ma kienx f’konformità mar-regola tal-assenza. Qalet ukoll li n-nuqqas tiegħu li

jikkonforma ma' din ir-regola jfisser li huwa mhuwiex eliġibbli għall-permess jew l-i*status* li talab. L-Aġenzija intimata spjegat li, f'każ li r-rikorrent xtaq li jissottometti applikazzjoni taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ, huwa kellu josserva t-terminu mogħti, iżda huwa naqas li jinforma lill-Aġenzija intimata li huwa ma setax idaħħal l-applikazzjoni tiegħu minħabba li kien maqbud fir-Renju Unit, iżda li kien fi ħsiebu jdaħħal applikazzjoni ġdida mar-ritorn tiegħu f'Malta. L-Aġenzija intimata spjegat li r-rikorrent ikkomunika magħha, wera li kien jaf bil-perijodu sa meta huwa kellu jdaħħal l-applikazzjoni tiegħu, iżda xorta waħda naqas milli jipprovdi evidenza suffiċjenti sabiex juri li huwa ma setax jirritorna lejn Malta għal raġunijiet ta' forza maġġuri.

6. L-Aġenzija intimata qalet li minkejja li r-rikorrent jgħid li huwa kien fl-impossibilità li jirritorna lejn Malta minħabba fil-kanċellament ta' diversi titjiriet u d-diversi restrizzjonijiet introdotti minħabba l-pandemija, l-ajruport ta' Malta kien miftuħ wara Lulju tal-2020, u fil-fatt baqa' miftuħ wara dan il-perijodu. Qalet li sal-1 ta' Lulju, 2021, ir-rikorrent kien fil-pussess ta' ċertifikat ta' reġistrazzjoni validu, u għalhekk f'każ li xtaq li jirritorna lejn Malta, huwa kellu l-faċilità li jagħmel dan qabel it-tmiem tal-perijodu ta' transizzjoni. Qalet li mill-korrispondenza mibgħuta mir-rikorrent, għandu jirriżulta li r-raġuni għalfejn dan naqas milli jirritorna lejn Malta kienet il-fatt li ommu kienet marida, u mhux minħabba r-restrizzjonijiet tal-pandemija, u anki f'każ li t-talba tar-rikorrent kellha tiġi kkonsidrata fid-dawl tal-każijiet eċċezzjonali li jipprovdi għalihom l-Artikolu 15(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, għandu jirriżulta li r-rikorrent qatta' perijodu ta' aktar minn tnax-il xahar barra minn Malta. Qalet ukoll li minkejja li r-rikorrent ippreżenta ċertifikat mediku li juri li huwa ma kienx fi stat li jaħdem

għall-perijodu bejn il-25 ta' Frar, 2021 u t-2 ta' Lulju, 2021, il-perijodu kopert miċ-ċertifikat mediku huwa wara t-terminazzjoni tal-perijodu ta' transizzjoni. L-Aġenzija intimata spjegat ukoll li filwaqt li r-rikorrent eżerċita d-dritt tiegħu li jgħix f'Malta skont il-liġi Ewropea qabel it-tmiem tal-perijodu ta' transizzjoni, jiġifieri sa Jannar tal-2020, wara huwa ma baqax jgħix f'Malta, u għalhekk Parti II tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ma tapplikax għar-rikorrent għaliex il-Ftehim ma japplikax għalih. L-Aġenzija intimata qalet li min-naħa tagħha hija kkonsidrat il-fatti kollha disponibbli għaliha fiż-żmien meta r-rikorrent għamel talba sabiex jissottometti applikazzjoni tardiva, u qieset li ma kienx hemm raġunijiet sufficjenti għal sottomissjoni tardiva ladarba r-rikorrent ma kienx eliġibbli għal *status* ta' beneficjarju, u dan għaliex ma kienx konformi mar-regola tal-assenza. Qalet ukoll li ladarba r-rikorrent qiegħed jallega li huwa ġie offrut impjieg *full-time* li kellu jibda f'Settembru tal-2021, f'każ li jirriżulta li huwa eliġibbli biex jgħix f'Malta taħt ir-regolamenti u l-*policies* tal-pajjiż, l-Aġenzija intimata tkun disposta li tikkonsidra l-applikazzjoni tar-rikorrent fuq il-merti tal-każ.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

7. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-13 ta' Mejju, 2022, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi milqugħ u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"1. <u>Preliminary</u>***

*The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 15th November, 2021, Identity Malta Agency informed the appellant as follows:*

"Reference is made to your late submission application under the EU/UK Withdrawal Agreement.

In this regard, you have not provided sufficient evidence to show that you were living in Malta prior to the end of the transition period which ended on 31st December, 2020, exercising any of the activities referred to in the above-mentioned agreement that would entitle you to the said document, in your case as an employed person.

Your application is being refused since from the evidence you have provided, it transpires that your absences from Malta exceed by far the six month period stipulated in EU law and the said Withdrawal Agreement.

Also note that none of the reasons you have provided justify your request to consider such request as a late application."

*Saw the appeal registered on 16th November 2021; and*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 19th January 2022.*

***2. <u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***<u>Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et</u>*** *(decided on 6th February, 2015) in which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Agency filed a reply in which it explained:*

- *That the appellant held a registration certificate issued on 16th August, 2017, valid for five years, on the basis of employment in Malta;*
- *That during the validity of that document, free movement ceased to apply to UK nationals, and consequently, his registration certificate ceased to be valid on 1st July 2021;*
- *That following the issuance of the 2017 certificate, the appellant communicated with the Agency on 17th July 2021;*

- *That on 14th August 2021, the appellant asked whether it was possible to submit a late application under the Withdrawal Agreement as he had reasonable grounds for not respecting the deadline;*
- *That then, the Agency, through Ms Rita Compton, requested evidence which would enable her to consider the late application;*
- *That on 15th November, 2021, Ms Compton informed the appellant that his request to lodge a late application had been rejected in view of his absence for a period longer than six months.*

*The Board refers to paragraph 19 of the Agency's reply and notes that the Agency seemed displeased that "*the reason for Mr Renee not returning to Malta was in fact due to his mother's illness rather than due to Covid restrictions." *However, the Agency did not ever claim that it was not true that the appellant's mother was ill.*

*The appellant filed an appeal in which he explained that his absence from Malta (since January 2020) was due to his mother's ill health. The appellant's mother was diagnosed with bladder cancer at the start of 2020. The appellant was then nursing his mother back to health but was then unable to travel due to the pandemic.*

*In reply to this, the Agency claimed that Malta International Airport reopened in July 2020 and the appellant could have travelled to Malta. However, this argument brought by the Agency completely ignores the fact that the appellant was nursing his mother, a cancer patient, back to some semblance of health. He explained that during this time, his mother, already fragile, broke her hip and needed emergency surgery. Adding to that, he suffered ill health himself and had a mental breakdown which his doctors recognised.*

*The Board, at this juncture, notes that the Agency was also aware of the appellant's ill health but nonetheless, stated that the appellant "*was unfit to do paperwork".

*The Board cannot understand why the Agency is fighting so hard to keep outside Malta an individual whose absence from Malta was not capricious, but due to his mother's cancer followed by emergency surgery followed by a mental breakdown on his part.*

*The Board, once again, emphasises that even amidst calculating when the appellant was present or absent and when calculating other things related to an application, the human dimension (see* ***Navjot Singh vs l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni)*** *must be kept at the forefront.*

*This Board does not believe that it can, in good conscience, reject the appellant's appeal and confirm the appealed decision when it is proved that the appellant was*

*absent from Malta for very serious reasons which in any case, were beyond his control.*

***3. Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.25, the Board revokes the Agency's decision and accepts the appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## L-Appell

8. L-Aġenzija intimata ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni permezz ta' rikors tal-appell ippreżentat fit-23 ta' Mejju, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tordna lill-Bord jieħu deċiżjoni mill-ġdid wara li jieħu konjizzjoni tar-risposta tal-appellanta tat-18 ta' Jannar, 2022, skont il-konsiderazzjonijiet li ser tkun qegħda tagħmel din il-Qorti, u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

9. Fl-ewwel lok, l-Aġenzija appellanta qalet li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, u senjatament tal-artikolu 6(3) tal-Liġi Sussidjarja 460.17, u dan wara li l-Bord qal li huwa ma setax jirrifjuta l-appell tar-rikorrent, stante li dan irnexxielu jipprova li l-assenza tiegħu minn Malta kienet għal raġunijiet serji ħafna. L-appellanta ċċitat l-artikolu 10(1)(b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li jgħid li applikanti li jikkwalifikaw għad-dritt ta' residenza għandhom ikunu

*"ċittadini tar-Renju Unit li eżerċitaw id-dritt tagħhom li jirrisjedu fi Stat Membru f'konformità mad-dritt tal-Unjoni qabel tmiem il-perijodu ta' transizzjoni u jibqgħu jirrisjedu hemmhekk wara dan."*

10. L-appellanta qalet li magħdud ma' dan l-artikolu, l-artikolu 15(2) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jagħmel riferiment dirett għad-Direttiva 2004/38/KE li tispeċifika kif tiġi determinata l-kontinwità tar-residenza għall-finijiet tal-kisba tad-dritt ta' residenza permanenti. Din ġiet trasposta fl-artikolu 6(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17, li tgħid li l-kontinwità ta' residenza m'għandhiex tkun affettwata minn assenza temporanja li ma tkunx teċċedi total ta' sitt xhur f'kull sena, jew kull assenza li ddum aktar minn hekk għal servizz militari obbligatorju, jew assenza waħda b'massimu ta' tnax-il xahar konsekuttiv għal raġunijiet importanti bħal tqala u twelid, mard gravi, studju jew taħriġ vokazzjonali, jew stazzjonament fi Stat Membru ieħor jew f'xi pajjiż terz. L-Aġenzija appellanta qalet li l-appellat kien nieqes minn Malta għal aktar minn tnax-il xahar konsekuttivi, u għalhekk hija kienet korretta meta m'aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellat.

11. It-tieni aggravju tal-Aġenzija appellanta huwa li l-appellat ma ssodisfax ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi. Spjegat li l-Bord ma kienx korrett meta wasal għall-konklużjoni li l-appellat kien jirrisjedi ġewwa Malta, għaliex dan ma ssodisfax ir-rekwiżiti sasbiex jinħareġ permess ta' residenza taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ. Qalet li l-appellat issottometta l-applikazzjoni tiegħu wara t-terminu impost mil-liġi, u naqas milli jagħti raġuni valida għat-tardività *ai termini* tal-artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li ġie traspost f'artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja 217.25. Qalet li għalhekk l-applikazzjoni qatt ma setgħet tiġi aċċettata, iżda l-Aġenzija appellanta tat lill-appellat l-opportunità li jippreżenta kull tip ta' prova li għandu biex jitqies eliġibbli. Qalet li l-appellat naqas milli jissodisfa dawn ir-rekwiżiti *ai termini* tal-artikolu 15 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-artikolu 16(3) tad-Direttiva

2004/38/KE, li ġew trasposti fil-liġi sussidjarja 460.17, u dan għaliex huwa kien assenti minn Malta għal aktar minn sitt xhur f'kull sena qabel il-perijodu ta' transizzjoni u kif ukoll wara. Qalet li filwaqt li tissimpatizza mal-appellat, huwa l-obbligu tagħha li tiskrutinizza l-applikazzjonijiet u tara li l-permessi ta' residenza jinħarġu skont il-liġi. L-appellanta qalet li anki f'każ li l-Bord wasal għall-konklużjoni li l-appellat kellu raġuni importanti għall-assenza tiegħu, huwa xorta waħda ma jissodisfax ir-rekwiżiti *ai termini* tal-artikolu 6(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17, jiġifieri li l-assenza ma tkunx għal aktar minn tnax-il xahar, għaliex mid-dokumenti u provi prodotti, għandu jirriżulta li l-assenza kienet għal aktar minn tnax-il xahar.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

12. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li huwa ppreżenta applikazzjoni għal permess ta' residenza taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ fl-14 ta' Awwissu, 2021, u huwa ġie mgħarraf bir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu fil-15 ta' Novembru, 2021 mill-Aġenzija appellanta, wara li din spjegat li l-appellat ma jissodisfax ir-rekwiżiti imposti mil-liġi għaliex huwa ma kienx jirrisjedi f'Malta għall-perijodu rikjest mil-liġi qabel it-tmiem tal-perijodu transitorju. L-appellat qal li d-deċiżjoni mogħtija mill-Bord hija ġusta u għandha tiġi kkonfermata.

13. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li l-artikolu 6(3) tal-Liġi Sussidjarja 460.17 jistipula li għall-finijiet tal-kisba tad-dritt ta' residenza permanenti, il-kontinwità tar-residenza m'għandhiex tkun affettwata fost l-oħrajn minn kull assenza temporanja li ma tkunx teċċedi total ta' sitt xhur f'kull sena; assenza li ddum aktar minn hekk għal servizz militari

obbligatorju, jew assenza waħda b'massimu ta' tnax-il xahar konsekuttiv għal raġunijiet importanti fosthom mard gravi. Qal li dan l-artikolu għandu jinqara flimkien mal-artikolu 10(1)(b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li jistipula min huma dawk il-persuni li jikkwalifikaw għad-drittijiet li jipprovdi dan il-Ftehim. Qal li bis-saħħa ta' dan l-artikolu, sabiex wieħed jikkwalifika għad-dritt ta' residenza taħt dan l-istess Ftehim, irid ikun ċittadin tar-Renju Unit li eżerċita d-dritt tiegħu li jirrisjedi fi Stat Membru f'konformità mad-dritt tal-Unjoni sa qabel tmiem il-perijodu ta' transizzjoni, liema perijodu ta' transizzjoni kien sal-31 ta' Diċembru, 2020. Qal li għalhekk, minn qari konġunt tal-artikolu 10(1)(b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ u l-artikolu 6(3) tal-Liġi Sussidjarja 460.17, jirriżulta li sabiex wieħed jikkwalifika għad-dritt ta' residenza taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ, irid ikun kontinwament residenti fi Stat Membru sa qabel il-31 ta' Diċembru, 2020, u sussegwentement, għall-finijiet ta' kontinwità ta' residenza, wieħed irid iħares lejn iż-żmien ta' qabel il-31 ta' Diċembru, 2020, mhux kwalunkwe żmien wara din id-data. Qal li għalhekk, l-Aġenzija appellanta kellha tiddetermina jekk huwa kienx kontinwament residenti f'Malta *ai termini* tal-artikolu 6(3) tal-Liġi Sussidjarja 460.17 sa qabel tmiem il-perijodu ta' transizzjoni, jiġifieri sal-31 ta' Diċembru, 2020. Qal li huwa kien ilu kontinwament residenti f'Malta fuq bażi ta' impjieg mis-sena 2011. Qal li f'Jannar tal-2020, huwa kellu jitlaq minn Malta lejn l-Ingilterra b'mod urġenti għaliex sar jaf li ommu kellha kanċer, u għalhekk kien kostrett jieħu r-rwol ta' *primary care giver* tagħha, għaliex missieru huwa anzjan u ma setax jieħu ħsiebha hu. Qal li ftit taż-żmien wara, faqqgħet il-pandemija tal-Covid-19, u għalhekk huwa kien ristrett milli jivvjaġġa lejn Malta, hekk kif fl-Ingilterra kien impost *lockdown.* Qal li dan kollu ħalla impatt negattiv fuq is-saħħa mentali tiegħu hekk kif spiċċa jsofri minn *breakdown* mentali, li ġie

rikonoxxut mill-professjonisti mediċi. Qal li minħabba dawn l-infortunji kollha, l-ewwel opportunità li huwa sab biex jiġi lura Malta kienet fl-10 ta' Lulju, 2021. Qal li skont l-artikolu 6(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja, il-kontinwità tar-residenza ma tkunx affettwata minn assenza waħda ta' massimu ta' tnax-il xahar konsekuttiv, diment li jkun hemm raġunijiet importanti għal dan. Qal li l-assenza tiegħu minn Malta bdiet f'Jannar 2020, u li minn Jannar tal-2020 sal-31 ta' Diċembru, 2020, tmiem il-perijodu ta' transizzjoni, għaddew ħdax-il xahar konsekuttiv. Qal ukoll li sabiex il-kontinwità tar-residenza ma tiġix affettwata, irid ikun hemm raġunijiet importanti li jwasslu l-individwu jkun assenti minn Malta għal aktar minn sitt xhur. Qal li huwa kien assenti minn Malta minħabba l-mard gravi ta' ommu, il-mard mentali tiegħu u l-pandemija, u għalhekk isegwi li huwa ma kienx assenti minn Malta kapriċċjożament. Qal li għalhekk il-Bord kien korrett meta stabbilixxa li huwa ma kienx assenti minn Malta għal aktar minn tnax-il xahar konsekuttiv sa qabel it-tmiem tal-perijodu ta' transizzjoni; kif ukoll li huwa kien assenti minn Malta minħabba raġunijiet importanti, primarjament minħabba mard gravi.

14. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-Aġenzija appellanta, l-appellat qal li b'dan it-tieni aggravju tagħha, hija qegħda tistieden lil din il-Qorti tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti, u dan meta din il-Qorti ta' reviżjoni għandha ġurisdizzjoni tisma' biss appelli fuq punti ta' dritt li jkunu ġew deċiżi mill-Bord. Qal iżda li f'każ li din il-Qorti tiddeċiedi li dan it-tieni aggravju huwa ammissibbli, din għandha ssib li huwa kien jikkwalifika għal permess ta' residenza taħt il-Ftehim dwar il-Ħruġ, għaliex huwa kien kontinwament residenti Malta qabel it-tmiem tal-perijodu ta' transizzjoni *stante* li ma kienx assenti minn Malta għal

aktar minn tnax-il xahar konsekuttiv, kif ukoll għandu jirriżulta li huwa kien assenti minn Malta minħabba raġunijiet importanti. Qal li l-Aġenzija appellanta kienet żbaljata wkoll meta qalet li l-applikazzjoni tiegħu kienet waħda tardiva, u dan għaliex l-artikolu 18(1)(d) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jippermetti li applikazzjoni tkun tardiva ladarba wieħed jipprovdi raġunijiet validi għalfejn ma jkunx irrispetta t-terminu impost mil-liġi. Qal li huwa ppreżenta diversi dokumenti li juru li huwa kien assenti minn Malta, u għalhekk kien prekluż milli jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu. Qal li l-applikanti kellhom sat-30 ta' Ġunju, 2021 biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, u l-ewwel possibilità li huwa kellu biex jirritorna lejn Malta kienet f'Lulju tal-2021.

15. L-appellat qal li hekk kif wasal Malta huwa kkuntattja lill-Identity Malta sabiex jibda l-proċess biex jissottometti l-applikazzjoni tiegħu, u għalhekk beda komunikazzjoni ma' din l-Aġenzija ftit jiem biss wara li skada t-terminu. Qal li kieku mhux għal raġunijiet ta' mard u r-restrizzjonijiet imposti minħabba l-pandemija, huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li ma jirrispettax it-terminu impost mil-liġi. Qal li għalhekk il-Bord kien korrett meta qies dawn ir-raġunijiet bħala validi fil-kuntest tal-applikazzjoni tardiva *ai termini* tal-artikolu 18(1)(b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u dan għaliex huwa ma kellu l-ebda kontroll fuq iċ-ċirkostanzi. Qal ukoll li biex wieħed jissottometti applikazzjoni mal-Aġenzija appellanta, wieħed ried ikun preżenti fiżikament Malta, u ma kien hemm l-ebda possibilità li l-applikazzjoni ssir *online* minkejja d-diffikultajiet fil-qasam tal-ivvjaġġar li ġabet magħha l-pandemija.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-Aġenzija appellanta fid-dawl ta' dak li ddeċida l-Bord, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fir-risposta tiegħu.

*L-ewwel aggravju: [apprezzament żbaljat tal-liġi]*

17. L-Aġenzija appellanta hija tal-fehma li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, u senjatament tal-artikolu 6(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17 u tal-artikolu 10(1)(b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li jirregolaw il-mod kif ċittadini tar-Renju Unit jistgħu jikbsu l-permess biex jibqgħu jirrisjedu fi Stat Membru wara tmiem il-perijodu ta' transizzjoni fil-31 ta' Diċembru, 2020. L-Aġenzija appellanta ssostni li ladarba l-appellat ma ssodisfax ir-rekwiżiti tal-liġi dwar il-kontinwità tar-residenza f'Malta, l-applikazzjoni tiegħu ma setgħetx tintlaqa' minnha.

18. Il-Qorti tirrileva li l-iskop tal-proċedura tal-applikazzjoni li għamel użu minnha l-appellat huwa li l-Aġenzija appellanta tivverifika jekk l-appellat huwiex intitolat għad-drittijiet ta' residenza stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, sabiex fejn jirriżulta li l-applikant għandu tali drittijiet, l-Aġenzija appellanta toħroġlu d-dokument li jgħid li l-applikant għandu dritt jirrisjedi fl-Istat Membru. Wieħed mir-rekwiżiti li l-applikant għal permess bħal dan irid jissodisfa, huwa li jkun irrisjeda fi Stat Membru f'konformità mad-drittijiet għal ċittadini tal-Unjoni Ewropea, qabel tmiem il-perijodu ta' transizzjoni, u li jibqa' jagħmel hekk anki wara. L-istess Ftehim dwar il-Ħruġ jistipula li l-permanenza fir-residenza mhijiex

affettwata minn assenza temporanja li ma teċċedix total ta' sitt xhur f'kull sena, jew inkella assenza għal perijodu indefinit minħabba s-servizz militari, jew assenza waħda b'massimu ta' tnax-il xahar konsekuttivi għal raġunijiet importanti bħal tqala u twelid, mard gravi, studju u taħriġ vokazzjonali, kif ukoll stazzjonament ta' xogħol fi Stat Membru jew f'pajjiż terz. Għaldaqstant, l-eżerċizzju li kellha tagħmel l-Aġenzija appellanta f'dan il-każ kien li tevalwa jekk mill-provi miġjuba mill-appellat, jirriżultax li dan għamel użu mid-dritt tiegħu li jirrisjedi fi Stat Membru (Malta) b'mod permanenti, u f'każ li għal xi żmien jirriżulta li kien hemm assenza, jekk din l-assenza tiksirx il-kontinwità tar-residenza minħabba fid-durata tagħha, kif jipprovdi l-artikolu 6(3) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.17.

19. Fil-każ odjern jirriżulta u ġie ppruvat li l-appellat wasal Malta fis-sena 2011, u kemm dam f'Malta huwa kien jaħdem bħala għalliem tal-Ingliż fi skola privata. L-appellat jinsisti li kemm dam jgħix Malta huwa kien jaħdem, u f'waħda mid-dikjarazzjonijiet magħmula minnu jgħid li l-uniku sors ta' dħul li kellu kien mix-xogħol li kien jagħmel mal-Alpha School of English. Il-Qorti analizzat l-*FS3 forms* esebiti mill-appellat, li prattikament huma l-unika prova ppreżentata minnu, minn fejn jirriżulta d-dħul tal-appellat mix-xogħol li kien jagħmel fuq medda ta' snin. Mill-*FS3s* esebiti jirriżulta li fis-sena 2015, id-dħul totali li kellu l-appellat għal dik is-sena kien jammonta għal €1,082.63; fis-sena 2016, id-dħul totali tal-appellat kien jammonta għal €1,489.39; fis-sena 2017, id-dħul totali li kellu l-appellat kien jammonta għal €2,072.75; fis-sena 2018, id-dħul totali li kellu l-appellat kien jammonta għal €2,491.71; filwaqt li fis-sena 2019, id-dħul totali li kellu l-appellat kien jammonta għal €1,752.55. Dan meta minn

dokument partikolari esebit mill-appellat innifsu, jirriżulta li meta beda jaħdem mal-Alpha School of English fl-2012, il-ħlas fis-siegħa kien ta' €9.75, u li f'kull ġurnata impjegat kien mistenni li jaħdem tliet sigħat kuljum. Il-Qorti hija tal-fehma li hemm xi ħaġa li ma tinkwadrax f'dawn id-dikjarazzjonijiet li għamel l-appellat. Jekk huwa minnu li huwa kien jitħallas bir-rata ta' €9.75 fis-siegħa u f'ġurnata kien jaħdem massimu ta' tliet sigħat, dan ifisser li huwa kien impjegat mal-iskola tal-Ingliż biss fil-*peak season* jew aħjar fix-xhur tas-sajf, meta kif inhu magħruf id-domanda għat-tagħlim tal-Ingliż mill-barranin f'Malta tiżdied bil-bosta. Mill-provi esebiti mill-appellat, din il-Qorti m'għandha l-ebda konfort li fis-snin qabel l-2020, l-appellat kellu kontinwità ta' residenza f'Malta, partikolarment meta jirriżulta li f'sena sħiħa huwa kien jaħdem biss ftit sigħat biex jaqla' d-dħul iddikjarat fil-formuli tat-taxxa esebiti minnu. Il-Qorti tinnota wkoll li l-appellat ma ressaq l-ebda prova oħra biex juri li huwa kien ibbażat f'Malta b'mod permanenti, għajr għal dawn il-formuli tat-taxxa. Ma ġew ippreżentati l-ebda kopji tal-biljetti tal-ajru biex juri b'liema frekwenza kien iħalli l-pajjiż u kull kemm żmien kien jirritorna Malta. Ma nġabet l-ebda prova ta' ħlas ta' kontijiet tad-dawl u l-ilma u tal-mezzi tat-telekomunikazzjoni f'isem l-appellat. Ma tressqu l-ebda ritratti li juru li huwa kien stabbilit f'Malta b'mod mhux interrott. Fuq kollox l-appellat ma ġab l-ebda prova fil-forma ta' *statement bankarju* sabiex juri l-frekwenza tat-tranżazzjonijiet li kien jagħmel f'Malta, kemm fil-forma ta' xiri għall-bżonnijiet ta' kuljum, kif ukoll tranżazzjonijiet li juru li kien hemm ħlas għal servizzi li minn żmien għal żmien l-appellat għamel użu minnhom fis-snin kollha li fihom jgħid li għex f'Malta. Żgur li d-dokumenti esebiti mill-appellat mhumiex suffiċjenti bħala prova li bejn l-2011 u l-2020 huwa għamel użu mid-dritt li jgħix f'Malta bis-saħħa tad-dritt għall-moviment ħieles li

jgawdu ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea. Il-prova tar-residenza u tal-permanenza tar-residenza kellha tkun ferm aktar b'saħħitha minn hekk, partikolarment meta l-prova miġjuba turi biss li l-appellat qatta' ftit sigħat kull sena jgħallem l-Ingliż f'Malta. Li kieku wieħed kellu jikkonsidra d-dħul għas-sena 2018, per eżempju, li kien l-ogħla dħul dikjarat mill-appellat kemm kien ilu f'Malta (€2,491), meta r-rata ta' ħlas li kien jirċievi kienet ta' €9.75 fis-siegħa, u huwa kien mistenni li jaħdem tliet sigħat kuljum, jirriżulta li b'kollox l-appellat ħadem ħamsa u tmenin (85) ġurnata, jew aħjar ftit aktar minn erba' xhur f'sena sħiħa. Il-Qorti għalhekk għandha d-dubji tagħha dwar jekk l-appellat issodisfax ir-rekwiżit tar-residenza permanenti fis-snin li matulhom huwa jgħid li kien jgħix f'Malta, partikolarment quddiem in-nuqqas ta' provi b'saħħithom miġjuba minnu. Huwa in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet li l-Qorti sejra tilqa' l-ewwel aggravju tal-Aġenzija appellanta, għaliex meta wieħed iqis il-provi miġjuba, jew in-nuqqas tagħhom, il-konklużjoni li wieħed jasal għaliha hija li l-appellat ma rnexxilux jipprova li huwa kien għamel użu mid-dritt li jgħix f'Malta bħala r-residenza permanenti tiegħu. Il-Bord jidher li bbaża ruħhu fuq il-kwistjoni dwar jekk l-assenza tal-appellat minn Malta fix-xhur ta' qabel l-aħħar ta' Diċembru 2020 kinitx ġustifikata jew le. Il-Qorti tirrileva però li l-Aġenzija appellanta kellha tistabbilixxi jekk fis-snin u x-xhur ta' qabel is-sena 2020, l-appellat għamilx użu mid-dritt li kellu li jgħix f'Malta b'mod permanenti, salv għall-perijodi ta' assenza li tipprovdi għalihom il-liġi f'ċirkostanzi speċifiċi, xi ħaġa li ma ġietx ippruvata. Għaldaqstant il-Qorti tqis li l-ewwel aggravju tal-Aġenzija appellanta huwa mistħoqq, u tilqgħu.

*It-tieni aggravju:* *[it-tardività]*

20. L-Aġenzija appellanta qalet li l-appellat naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti mitluba skont il-liġi, u meta daħħal l-applikazzjoni tiegħu tardivament naqas milli jipprova jew juri li kien hemm raġuni valida għal din it-tardività *ai termini* tal-Artikolu 18(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

21. Il-Qorti tirrileva li minkejja li l-appellat kien tardiv fis-sottomissjoni tal-applikazzjoni tiegħu, l-Aġenzija xorta waħda laqgħet is-sottomissjonijiet magħmula minnu, u kien biss wara li l-każ tiegħu ġie evalwat li ġie deċiż li huwa ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' residenza permanenti biex ikun jista' jirrisjedi f'Malta. Il-Qorti hija tal-fehma li ladarba l-appellat ma rnexxilux jipprova li fis-snin ta' qabel Diċembru 2020, huwa kien residenti f'Malta b'mod permanenti, anzi l-provi miġjuba minnu jqanqlu dubju dwar kemm kien twil iż-żmien li huwa kien iqatta' f'Malta fis-snin ta' qabel l-2020, il-kwistjoni dwar jekk huwa rnexxilux jipprova li t-tardività fis-sottomissjoni tiegħu kienet dovuta għal raġunijiet ġustifikabbli, m'għandhiex tiġi kkonsidrata minn din il-Qorti. Dan għaliex anki f'każ li jinstab li t-tardività kienet għal raġunijiet li wieħed jagħder u li huma ġustifikabbli, hemm in-nuqqas ta' prova fir-rigward tal-permanenza fir-residenza, u għalhekk din il-Qorti m'hija sejra tieħu l-ebda konjizzjoni ta' dan l-aggravju, ladarba ġie stabbilit li l-appellat ma rnexxilux jipprova li huwa għandu dritt għall-permess mitlub minnu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell tal-Aġenzija appellanta billi tilqgħu, u għalhekk tirrevoka d-deċiżjoni appellata.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**